

22003D0171

25.3.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 88/43

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 171/2003

tal-5 ta' Diċembru 2003

li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II ma' dan il-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/40/KE tas-16 ta' Mejju 2003 li tistabbilixxi l-lista, limiti ta' konċentrazzjoni u rekwiżiti ta' ttikkettjar għall kostitwenti ta' ilmijiet naturali minerali u l-kondizzjonijiet għall-użu ta' arja arrikkita bl-ożonu għat-trattament ta' ilmijiet naturali minerali u ilmijiet minn fawwara ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/62/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE rigward il-livelli massimi ta' residwu għal *hexaconazole*, *clofentezine*, *myclobutanyl* u *prochloraz* ⁽³⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/60/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda l-Annessi mad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE rigward l-istabbiliment ta' livelli massimi għal ċerti residwi ta' pestiċidi fi u fuq ċereali, oġġetti ta' ikel ta' oriġini minn annimali u ċerti prodotti ta' oriġini minn pjanti, inklużi frott u ħxejjex ⁽⁴⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II mal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jinżied fil-punti 13 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE) u 39 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE):
 - **32003 L 0060:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/60/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 155, ta' l-24.6.2003, p. 15)."
2. L-inċiżi li ġejjin jinżiedu mal-punti 38 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE) u 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):
 - **32003 L 0060:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/60/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 155, ta' l-24.6.2003, p. 15),
 - **32003 L 0062:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/62/KE ta' l-20 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 154, ta' l-21.6.2003, p. 70)."

⁽¹⁾ ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 126, tat-22.5.2003, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 154, ta' l-21.6.2003, p. 70.

⁽⁴⁾ ĠU L 155, ta' l-24.6.2003, p. 15.

3. Il-punt li ġej huwa inserit wara l-punt 54zzg (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 223/2003):

“54zzh. **32003 L 0040**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/40/KE tas-16 ta' Mejju 2003 li tistabbilixxi l-lista, limiti ta' konċentrazzjoni u rekwiżiti ta' ttikkettjar għall-kostitwenti ta' l-ilmijiet naturali minerali u l-kondizzjonijiet għall-użu ta' arja arrikkita bl-ożonu għat-trattament ta' ilmijiet naturali minerali u ilmijiet minn fawwara (ĠU L 126, tat-22.5.2003, p. 34).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2003/40/KE, 2003/60/KE u 2003/62/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.